# Investiment fil-futur tal-ambjent naturali Malti

## Il-Bank of Valletta jgħin 6,000 tifel u tifla jesperjenzaw in-natura tul is-sena skolastika

Matul is-sena skolastika li għadha kif ġiet fi tmiemha, kważi 6,000 tifel u tifla jew żagħżugħ u żagħżugħa esperjenzaw l-edukazzjoni ambjentali permezz ta' *Dinja Waħda.* Dan huwa l-programm edukattiv ta' BirdLife Malta għall-iskejjel primarji u l-Bank of Valletta huwa sieħeb edukattiv f'dan il-programm.

BirdLife Malta tieħu ħsieb numru ta' riservi naturali mill-isbaħ. L-għalliema esperti li għandha f'dawn il-postijiet jispiraw lit-tfal biex jifhmu aħjar il-benefiċċji li tkun fin-natura, viċin dak kollu li wieħed isib fl-ambjent naturali - minn insetti żgħar sa għasafar – ħalli jieħdu l-aħjar minn din l-esperjenza li hija vitali sabiex jitpoġġew il-pedamenti li jwasslu biex it-tfal irawmu fihom infushom imħabba lejn in-natura tul il-ħajja.

Is-sena l-oħra 88 skola adottaw id-*Dinja Waħda* Action Guide – gwida ta' attivitajiet dwar in-natura għall-għalliema. Minbarra f'dan, madwar 1,000 student tal-Year 4 irċivew ir-rivista tat-tfal *Il-Ħuttafa*. Din ir-rivista tkun mimlija anedotti, stejjer u tagħrif li jgħinu lit-tfal jitgħallmu aktar dwar l-ambjent naturali.

Dan il-programm ma kienx jirnexxilu jilħaq l-ammont ta' tfal li laħaq u jħalli l-impatt li ħalla, kieku ma kienx għad-dedikazzjoni tal-koordinaturi ta' *Dinja Waħda*. 122 għalliem u għalliema jagħtu l-ħin tagħhom b'mod volontarju biex jikkordinaw l-attivitajiet naturali ta' *Dinja Waħda* fl-iskejjel tagħhom. Fid-dawl ta' dan, kienu organizzati numru ta' attivitajiet bħala radd ta' ħajr għall-entużjażmu u l-isforzi ta' dawn l-għalliema. Dawn kienu jinkludu taħriġ dwar it-tagħlim fuq barra, sessjonijiet ta' *networking* barra mill-klassi, *seminars*, vjaġġ bid-dgħajsa biex jaraw iċ-Ċief u anke ċerimonja tal-għoti tal-*Awards*.

L-Education Manager ta' BirdLife Malta Sarah Brady ikkummentat: "Ninsabu kuntenti li l-Bank of Valletta għamel dan kollu possibbli, għaliex huwa importanti ħafna li t-tfal jingħataw l-opportunità li jgawdu l-ħajja fis-selvaġġ viċin tan-natura."

Anke l-Executive PR & Marketing tal-Bank of Valletta Charles Azzopardi tkellem dwar l-involviment tal-Bank bħala sieħeb edukattiv tal-programm *Dinja Waħda*. Hu sostna, "Għalina, is-sieħba ambjentali huma importanti daqs imsieħba oħrajn.

Aktar minn hekk, aħna nqisu r-responsabbiltà lejn l-ambjent bħala kruċjali għar-Responsabbiltà Korporattiva tagħna bħala Bank. Nemmnu li l-appoġġ li qed nagħtu lill-programm *Dinja Waħda* huwa investiment fit-tfal tagħna u fl-ambjent li se jsibu meta jikbru."

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org


**Ħoloq utli (agħfas biex tiftaħ):**

- Il-programm ta' edukazzjoni ambjentali *Dinja Waħda* ta' BirdLife Malta
- Bank of Valletta

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/A4K1VlU9TA**

**(Ritratti ta' BirdLife Malta u tal-iskejjel li qed jipparteċipaw f'Dinja Waħda)**

1. L-attività f-ANT-astic ta' *Dinja Waħda*
2. L-attività f-ANT-astic ta' *Dinja Waħda*
3. L-attività In a Flutter ta' *Dinja Waħda*
4. L-attività The Wall ta' *Dinja Waħda*
5. Tħawwil ta' siġar
6. Id-Dinja Waħda Awards